A.L. 117 ta' l-2010

ATT DWAR L-IMPIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI (KAP. 452)

Regolamenti ta' l-2010 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Impjegati *Part-Time*

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 25 u 48 ta' l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, il-Prim Ministru għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin–

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa Regolamenti ta' l-2010 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Impjegati *Part-Time*, u dawn għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2002 dwar Impjegati *Part-Time*, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 427 ta' l-2002.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-impjegati *part-time* kollha li jkunu ngaġġati bħala tali mid-data tal-bidu fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, jew wara.

(3) Fil-każ ta' impjegati *part-time* li l-impieg *part-time* tagħhom huwa wieħed li fir-rigward tiegħu ma jitħallsux kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali skond l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, li ġew ingaġġati bħala tali qabel id-data tal-bidu fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti u li jkunu għadhom fl-impieg *part-time* tagħhom fid-data tal-bidu fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, ir-regolamenti 2 u 4 għandhom jibdew japplikaw għalihom malli jiskadu sitt xhur mid-data tal-bidu fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti.

Kap. 318.

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

2. F'regolament 3 tar-regolamenti prinċipali, it-tifsira "impieg prinċipali" għandha tiġi mħassra.

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

3. F'regolament 4 tar-regolamenti prinċipali:

(a) fis- subregolament (1) tiegħu, minflok il-kliem "Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tar-regolament 6, għandu jkun" għandha tidħol il-kelma "Ikun".

(b) minflok is-subregolament (2) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Impjegati *part-time* għandhom jiġu mħallsa l-istess rata fis-siegħa applikabbli għall-impjegati *whole-time* komparabbli;

Iżda impjegat *part-time* li f'xi ġimgħa partikolari jaħdem siegħat li ma jeċċedux is-siegħat normali ta' ġimgħa ta' impjegat *whole-time* komparabbli, u li għal dawk is-siegħat jitħallas bir-rata fis-siegħa normali, m'għandux jitqies li jkun qed jiġi trattat inqas favorevolment minn impjegat *whole-time* komparabbli għall-unika raġuni illi l-impjegat *whole-time* komparabbli jitħallas b'rata ogħla għal dawk is-siegħat maħduma li jaqbżu s-siegħat normali ta' ġimgħa, b'dan illi:

(a) jekk is-siegħat ta' xogħol ta' ġimgħa ta' impjegat *part-time* jaqbżu s-siegħat normali ta' ġimgħa ta' impjegat *whole-time* komparabbli, dawk is-siegħat li jaqbżu s-siegħat normali ta' ġimgħa ta' impjegat *whole-time* komparabbli, għandhom jitħallsu bl-istess rata applikabbli għall-impjegati *whole-time* komparabbli;

(b) is-siegħat kollha maħduma fil-Ħdud u l-festi pubbliċi, kemm fir-rigward ta' siegħat normali ta' xogħol kemm fir-rigward ta' siegħat li jaqbżu s-siegħat normali ta' xogħol ta' impjegat *whole-time* komparabbli, għandhom jitħallsu bl-istess rati fis-siegħa applikabbli għall-impjegati *whole-time* komparabbli.".

Jemenda r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

4. Fis-subregolament (1) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "Dawk l-impjegati *part-time*, li l-impieg *part-time* tagħhom hu l-impieg prinċipali tagħhom, għandhom ikunu intitolati *pro rata* għall-"għandhom jidħlu l-kliem

"L-impjegati *part-time* kollha għandhom ikunu intitolati *pro rata* fost l-oħrajn għal".